MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 17/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Bugeja talli fl-10 ta’ Gunju 2005 ghall-habta ta’ 1.40 p.m., fi Triq il-Knisja, Tarxien, saq vettura Nru. IBD-958 (1) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-pulizija jew mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura; (2) u b’hekk saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni; (3) u aktar b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-

regolamenti nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Sandro Bonello skond kif iccertifika Dr. Christ Spiteri M.D. ta’ S.L.H.

Il-prosekuzzjoni tablet li l-imsemmi Paul Bugeja jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-20 ta’ Jannar 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Paul Bugeja hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta’ l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) u ghal prigunerija ghal perijodu ta’ hmistax-il gurnata u ordnat li jkun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ ghaxar snin;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fil-31 ta’ Jannar 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija, il-piena ta’ prigunerija u sospensjoni tal-licenzja, izda flok multa ta’ hamsin lira tinfliggi multa ta’ elf lira (Lm1,000);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa semplici u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti sabet lill-appellat hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet izda meta giet biex taghti l-piena relattiva li fil-minimu taghha kienet tistipula multa ta’ elf lira (Lm1,000), imponiet multa ta’ hamsin lira (Lm50) biss.

Skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, min jikser id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu jehel, meta jinsab hati, **“fil-kaz ta’ l-ewwel reat, multa ta’ mhux anqas minn elf lira (Lm1,000) izda ta’ mhux izjed minn elfejn lira**

**(Lm2,000) jew prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-prigunerija flimkien”**.

Il-ligi mela hija carissima. L-ewwel Qorti kellha tliet ghazliet quddiemha: jew li timponi multa jew prigunerija jew multa u prigunerija flimkien. Galadarba l-ewwel Qorti ghazlet li timponi kemm il-piena tal-multa kif ukoll il-piena ta’ prigunerija, il-minimu tal-multa li setghet timponi kellu jkun ta’ elf lira (Lm1,000) u mhux ta’ hamsin lira (Lm50).

Konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira (Lm50), tikkundannah minflok ghall-hlas ta’ multa ta’ elf lira (Lm1,000) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament b’dan li l-perijodu ta’ ghaxar snin sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri hekk kif l-appellat ikun skonta l-piena ta’ prigunerija. Kwantu ghall-multa, stante li l-appellat iddikjara li m’ghandux mezzi biex ihallas l-ammont kollu minnufih, din tithallas permezz ta’ rati mensili ta’ hamsin lira (Lm50) il-wiehed, l-ewwel pagament sa l-ahhar tax-xahar kurrenti, u jekk ma jsirx hlas ta’ xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u fin-nuqqas jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------